MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Numru. 897/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**

**vs**

**Geoffrey Debattista**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Geoffrey Debattista ta’ 33 sena iben George u Elizabeth nee` Mifsud imwieled Pieta’ nhar il-11 ta’ Settembru 1972 u residenti gewwa fond numru 12, Triq Agostiono Matrenza, San Gwann u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 409972 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

Gewwa San Giljan fil-lejl ta’ bejn is-6 u s-7 ta’ Ottubru 2004, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti ta’ Hi-Fi u oggetti ohra minn vettura ta’ ghamla Daihatsu Charade bin-numru tar-registrazzjoni BAJ-864 ghad-detriment ta’ Roger Calleja minn San Gwann, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jaccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) izda inqas minn elf lira Maltin (Lm1000), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fil-vettura msemmija BAJ-864 ghad-detriment ta’ l-imsemmi Roger Calleja, liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda hija inqas minn hames mitt lira Maltin (Lm 500).

Rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta’ Malta datata 11 ta’ Frar 1997, liema sentenza saret defenittiva u ma tistax tigi mibdula..

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta’ Awissu 2006 (esebit a fol. 17 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jgu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2007 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn fin il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat hekk kif registrata fis-seduta tas-26 ta’ Jannar 2007 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-kontenut tal-Pre-sentencing Inquiry Report (esebit a fol. 28 et sequitur tal-process), ikkunsidrat ukoll il-fatt li fid-data tal-kummissjoni tar-reat li tieghu qed jinstab hati huwa kellu problema mill-abbuz tad-droga u li fil-mori tal-din il-kawza huwa ghamel l-ghalmu tieghu sabiex jeghleb din il-problema u ghalhekk jidrilha li huwa jitqieghed taht ordni ta' supervizjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap. Sabiex jinghata l-opportunita' li jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 278, 325 u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal prigunerija ta' tlettax (13)–il xahar sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2) millum.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed taghmel ordni ta' supervizjoni permezz ta' liema jitqieghed lil hati taht is-supervizjoni tal-Ufficjal Sorveljanti Trevor Calafato u dan ghal perjodu ta' tlettax (13) –il xahar millum.

Tordna wkoll lill-imputat ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallas is-somma ta' elf, tmien mija u erbghajn Ewro u ghoxrin Ewro centezmi (€1,840.20) lil vittma Roger Calleja u dan sa zmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------